MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 121/2001/1

**Victor Camilleri**

**vs**

**Bad Boy Cleaning Services Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm921 rapprezentanti drittijiet professjonali resi in konnessjoni ma' xoghol ta' accountancy.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk

l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-15 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta' Lm921.00,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM-------------------------------